Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 388/92**

tat-18 ta' Frar 1992

li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-forniment ta' prodotti taċ-ċereali lid-dipartimenti Franċiżi barra x-xtut (FOD) u li jistabbilixxi it-tbassir tal-bilanċ tal-fornitura

(ĠU L 043 , 19.2.1992, p. 16)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament Tal-Kummissjoni (KEE) Nru 467/92 tas-27 ta' Frar 1992	L 53	14	28.2.1992
►**M2**	Commission Regulation (EEC) No 2027/92 of 22 July 1992 (*)	L 207	21	23.7.1992
►**M3**	Commission Regulation (EEC) No 3804/92 of 23 December 1992 (*)	L 384	18	30.12.1992
►**M4**	Commission Regulation (EEC) No 688/93 of 25 March 1993 (*)	L 73	13	26.3.1993
►**M5**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1727/93 tat- 30 ta' Ġunju 1993	L 160	1	1.7.1993
►**M6**	Commission Regulation (EC) No 329/94 of 14 February 1994 (*)	L 42	3	15.2.1994
►**M7**	Commission Regulation (EC) No 3101/94 of 19 December 1994 (*)	L 328	16	20.12.1994
►**M8**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1563/95 tat-30 ta' Ġunju 1995	L 150	18	1.7.1995
►**M9**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2270/95 tas-27 ta' Settembru 1995	L 231	21	28.9.1995
►**M10**	Commission Regulation (EC) No 2885/95 of 14 December 1995 (*)	L 302	3	15.12.1995
►**M11**	Commission Regulation (EC) No 1234/96 of 28 June 1996 (*)	L 161	101	29.6.1996
►**M12**	Commission Regulation (EC) No 2414/96 of 18 December 1996 (*)	L 329	23	19.12.1996
►**M13**	Commission Regulation (EC) No 2521/97 of 15 December 1997 (*)	L 346	42	17.12.1997
►**M14**	Commission Regulation (EC) No 1959/98 of 15 September 1998 (*)	L 254	11	16.9.1998
►**M15**	Commission Regulation (EC) No 2621/98 of 4 December 1998 (*)	L 329	14	5.12.1998
►**M16**	Commission Regulation (EC) No 1387/1999 of 28 June 1999 (*)	L 163	11	29.6.1999
►**M17**	Commission Regulation (EC) No 2622/1999 of 10 December 1999 (*)	L 318	12	11.12.1999
►**M18**	Commission Regulation (EC) No 2240/2000 of 10 October 2000 (*)	L 257	6	11.10.2000
►**M19**	Commission Regulation (EC) No 110/2001 of 19 January 2001 (*)	L 19	9	20.1.2001
►**M20**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1526/2001 tas-26 ta' Lulju 2001	L 202	6	27.7.2001

NB: Din il-verżjoni konsolidata tinkludi referenzi għall-unità Ewropea ta' kont u/jew l-eku, li mill-1 ta' Jannar 1999 għandha tinftiehem bħala referenza għall-euro – Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3308/80 (ĠU L 345, ta' l-20.12.1980, p. 1) u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1103/97 (ĠU L 162, tad-19.6.1997, p. 1).

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti.

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 388/92

tat-18 ta' Frar 1992

li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-forniment ta' prodotti taċ-ċereali lid-dipartimenti Franċiżi barra x-xtut (FOD) u li jistabbilixxi it-tbassir tal-bilanċ tal-fornitura

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabblixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 li jintroduċi miżuri speċifiċi fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli għall-vantaġġ tad-dipartimenti Franċiżi barra x-xtut ([1]), u b' mod partikolari l-Artikolu 2(6) tagħha,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 131/92 ([2]) jistabbilixxi r-regoli dettaljati komuni għall-implimentazzjoni ta' l-arranġamenti speċifiċi għall-forniment ta' ċerti prodotti agrikoli lid-dipartimenti Franċiżi barra x-xtut (FOD);

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 ([3]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 92/91 ([4]), jistabbilixxi b'mod partikolari regoli dettaljati għall-liċenzi ta' l-importazzjoni; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 891/89 ([5]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3562/91 ([6]), jistabbilixi regoli dettaljati addizzjonali u eċċezzjonali speċifiċi għas-settur taċ-ċereali;

Billi, sabiex jiġu kkunsidrati d-drawwiet tan-negozju speċifiċi għas-settur taċ-ċereali, u tax-xorta speċjali tan-negozju tan-nuħħala, għandhom jiġu kkunsidrati r-regoli dettaljati li jissuplixxu jew jidderogaw mid-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 131/92;

Billi, skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91, it-tbassir tal-bilanċ tal-fornitura għall-prodotti taċ-ċereali għall-FOD għandu jiġi mfassal; billi dan il-bilanċ għandu jagħmilha possibbli li jsir tibdil fil-kwantitajiet ippjanati għall-prodotti kkunsidrati u, jekk ikun hemm bżonn, li jżid il-kwantità totali ffissata għall-għalef matul is-sena finanzjarja;

Billi għandu jiġi permess li l-Istat Membru jaħtar l-awtorità kompetenti għall-ħruġ ta' liċenzi ta' l-importazzjoni u ta' ċertifikati ta' l-għajnuna, u għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-għajnuna u l-ħlas;

Billi għandha tiġi kkunsidrata skeda għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjonijiet għall-liċenzi u ċ-ċertifikati, u għall-istabbiliment ta' ħtiġijiet għall-ammissjoni għal dawn l-applikazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' l-alloġġ tas-sigurtajiet; billi, barra minn dan, il-perjodu tal-validità għall-liċenzi ta' l-importazzjoni u ċ-ċertifikati ta' l-għajnuna għandu jiġi ffissat skond il-bżonnijiet tal-fornitura u l-ħtiġijiet ta' amministrazzjoni soda billi jingħata, skond is-sitwazzjoni lokali fl-FOD, perjodu itwal ta' validità għaċ-ċertifikati ta' l-għajnuna;

Billi għandha ssir kunsiderazzjoni għall-irranġar fl-għajnuna mogħtija għall-forniment tal-prodotti taċ-ċereali li joriġinaw fil-Komunità fuq il-bażi tad-differenza fil-prezz "*threshold*" tal-prodott imsemmi bejn ix-xahar ta' l-applikazzjoni għaċ-ċertifikati ta' l-għajnuna u x-xahar li fih iċ-ċertifikati jiġu wżati, sabiex jiġu evitati, qabel il-ħsad, doveri ta' fornitura li jibbenefikaw minn għajnuna għas-sena l-ġdida fis-suq, u sabiex jiġi kkunsidrati d-drawwiet fis-settur taċ-ċereali;

Billi, sabiex jassiguraw l-amministrazzjoni soda ta' l-arranġamenti tal-fornitura, għandhom jiġu stabbiliti ħtiġijiet addizzjonali għat-tħollija tas-sigurtà;

([1]) ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 15, tat-22.1.1992, p. 13.
([3]) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
([4]) ĠU L 11, tas-16.1.1991, p. 11.
([5]) ĠU L 94, tas-7.4.1989, p. 13.
([6]) ĠU L 336, tas-7.12.1991, p. 30.

▼B

Billi l-miżuri imsemmija f' dan ir-Regolament huma fi qbil ma l-opinjoni tal-Kumitat għall-Amministrazzjoni taċ-Ċereali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

▼M8

1. (Ma tikkonċernax il-verżjoni Ngliża).

▼M5

2. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żieda matul is-sena finanzjarja fil-kwantità globali ffissata għaċ-ċereali, il-kwantitajiet rispettivi ffissati għal wieħed jew ieħor miċ-ċereali in kwistjoni jistgħu jiġu maqbuża b' massimu ta' 20 %, sakemm ikun hemm konformità malkwantità globali. "Is-Sorgu' għandu jiġi ttratat bħala majż għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament".

▼M1

3. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 2 u 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91, il-pajjiżi żviluppanti għandhom ikunu dawk elenkati fl-Annessi III u V tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3833/90 ta' l-20 ta' Diċembru 1990 li japplika preferenzi ta' tariffi ġġeneraliżżati għall-1991 fejn għandhom x'jaqsmu xi prodotti agrikoli li joriġinaw f'pajjiżi żviluppanti ([1]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 3587/91 ([2]).

▼B

Artikolu 2

L-Istat Membru għandu jaħtar l-awtorità kompetenti sabiex-:

(a) toħroġ il-liċenza għall-importazzjoni imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 131/92;

(b) toħroġ iċ-ċertifikat għall-għajnuna imsemmi fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament; u

(ċ) il-ħlas ta' l-għajnuna lill-operaturi kkonċernati u għall-amministrazzjoni tas-sigurtajiet.

Artikolu 3

Il-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 131/92 għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Artikolu 4

▼M5

1. Applikazzjonijiet għal liċenzji u ċertifikati għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti matul l-ewwel ħames ijiem utli ta' kull xahar. Madankollu, l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati ta' l-għajnuna għall- fornitura tal-prodotti taċ-ċereali li jaqgħu fil-kodiċi NM 1103 u 1107 kif ukoll prodotti li jaqgħu fil-kodiċi NM 2309 90 31, 2309 90 33, 2309 90 41, 2309 90 43, 2309 90 51 u 2309 90 53, ta' oriġini Komunitarja, kif ukoll applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' għajnuna għall- fornitura ta' ċereali lid-dipartiment tal-Guiana Franċiża, jistgħu jiġu sottomessi f'kwalunkwe jum utli ta' kull xahar. Liċenza jew ċertifikat ta' applikazzjoni għandom jiġu amessi biss jekk:

(a) ma jaqbżux il-kwantità massima disponibbli għal kull perjodu li matulu l-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati;

(b) qabel ma jiskadi l-limitu taż-żmien stabbilit għas-sottomissjoni ta' liċenzji u ċ-ċertifikati ta' applikazzjoni, tkun ingħatat prova li l-parti konċernata ppreżentat titolu ta' 23 ECU għal kull tunnellata.

([1]) ĠU L 370, ta' l-20.12.1990, p. 86.
([2]) ĠU L 341, tat-12.12.1991, p. 1.

▼B

2. Jekk il-liċenzi u ċ-ċertifikati jinħarġu għall-kwantitajiet li jkunu inqas mill-kwantitajiet li tkun saret l-applikazzjoni għalihom, bħala riżultat li tkun ġiet ffissata ċifra ta' nuqqas waħdieni, l-operaturi jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom bil-miktub sal-limitu ta' żmien ta' ġurnata xogħol wara d-data li fiha ċ-ċifra tan-nuqqas tiġi ffissata.

Artikolu 5

1. Il-perjodu tal-validità għall-liċenzi ta' l-importazzjoni għandu jagħlaq fl-aħħar ġurnata tax-xahar wara x-xahar li fih ikunu ġew maħruġa.

2. Il-perjodu tal-validità taċ-ċertifikati ta' l-għajnuna għandu jagħlaq fl-aħħar ġurnata tat-tieni xahar wara x-xahar li fih ikunu ġew maħruġa.

▼M8

Artikolu 6

L-għajnuna għall-provvista għandha tkun aġġustata:

(a) fil-każ tal-prodotti taċ-ċereali kollha msemmija fl-Anness minbarra l-qamħirrum, qamħ sorghum, malt u dqiq tal-qamħ komuni, għall-perjodu minn Awissu sa Mejju ta' l-istess sena tas-suq, biż-żieda kull xahar fil-prezz ta' intervent iffissat għal dik is-sena tas-suq għaċ-ċereali in kwistjoni, moltiplikat bin-numru ta' xhur li jkunu għaddew mix-xahar li fih intalab iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna u x-xahar li fih kull kwantità ġiet debitata kontra ċ-ċertifikat. L-ewwel aġġustament għandu jsir fl-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju wara l-ġurnata li fiha ġiet mibgħuta l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat;

(b) fil-każ tal-qamħirrum u qamħ sorghum, għall-perjodu min-Novembru ta' sena waħda tas-suq sa Awissu tas-sena tas-suq ta' wara, biż-żieda kull xahar fil-prezz ta' intervent iffissat għas-sena tas-suq ta' qabel għac-ċereali in kwistjoni, moltiplikat bin-numru ta' xhur li jkunu għaddew bejn ix-xahar li fih intalab iċ-ċertifikat għall-għajnuna u x-xahar li fih kull kwantità ġiet debitata kontra ċ-ċertifikat. L-ewwel aġġustament għandu jsir fl-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju wara l-ġurnata li fiha ġiet mibgħuta l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat;

(ċ) fil-każ tal-malt u d-dqiq tal-qamħ durum, għall-perjodu minn Awissu sa Mejju ta' l-istess sena tas-suq, biż-żieda kull xahar fil-prezz ta' intervent iffissat għal dik is-sena tas-suq, moltiplikat minn naħa waħda bin-numru ta' xhur li jkunu għaddew bejn ix-xahar li fih intalab iċ-ċertifikat għall-għajnuna u x-xahar li fih kull kwantità ġiet debitata kontra ċ-ċertifikat u, min-naħa l-oħra, bil-koeffiċjenti ta' proċessar 1,3 u1,5 għall-qamħ u d-dqiq tal-qamħ durum rispettivament. L-ewwel aġġustament għandu jsir fl-ewwel ġurnata tax-xahar kalendarju wara l-ġurnata li fiha ġiet mibgħuta l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat;

(d) fil-każ tal-prodotti kollha bl-eċċezzjoni tal-qamħirrum u tal-qamħ sorghum, fejn iż-żmien tal-validità taċ-ċertifikat għall-għajnuna jestendi lil hinn mit-tmiem tas-sena tas-suq u għall-provvisti kollha addebitati kontra ċ-ċertifikat ta' matul is-sena tas-suq il-ġdida, hekk kif ġej: l-għajnuna għandha titnaqqas b'ammont ugwali għad-differenza bejn il-prezzijiet ta' intervent, mhux inklużi żidiet ta' kull xahar, għas-sena tas-suq ta' qabel u dik ġdida u b'ammont ugwali għaż-żieda ta' kull xahar għas-sena tas-suq il-ġdida, moltiplikat bin-numru ta' xhur minn Awissu inkluż sax-xahar li fih ġiet mibgħuta l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat;

▼M9

(e) il-każ ta' qamħirrum u sorgu tal-qamħ, meta t-terminu tal-validità taċ-ċertifikat tal-għajnuna ikun jestendi wara t-tmiem ta' Settembru, għall-prodotti kollha addebitati kontra dak iċ-ċertifikat mill-1 ta' Ottubru, kif ġej: l-għajnuna għandha titnaqqas b'ammont li jkun daqsinsew id-differenza bejn il-prezz ta' intervent, esklużi ż-żidiet ta' kull xahar, bejn il-prezz tas-suq tas-sena ta' qabel u dak tas-sena ta' wara, mmoltiplikat bin-numru ta' xhur minn Novembru inkluż ix-xahar li fih tkun inbagħtet l-applikazzjoni.

▼**M8**

Madankollu, l-aġġustamenti previsti f'(d) u (e) ma japplikawx fejn l-operatur jagħti provi għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti fir-reġjun tad-destinazzjoni li:

— fornituri ta' prodotti minbarra qamħirrum u qamħ sorghum preżentati għall-addebitament kontra ċ-ċertifikat għall-għajnuna kienu mibgħuta qabel l-1 ta'Lulju u,

— fil-każ tal-qamħirrum u qamħ sorghum, fornituri ta' prodotti preżentati għall-addebitament kontra ċ-ċertifikat għall-għajnuna kienu mibgħuta qabel l-1 ta' Ottubru.

Dawn il-provi għandhom ikunu kostitwiti bil-polza tat-tagħbija jew xi dokument tat-trasport ieħor li jipprovdi garanziji suffiċjenti u li huma debitament stabbiliti fil-ħin tad-dispaċċ.

▼**B**

Artikolu 7

Is-sigurtajiet għandhom jitħallew jekk u meta:

(a) l-awtorità kompetenti ma ħarġitx applikazzjoni;

(b) l-operatur iritira l-applikazzjoni tiegħu skond l-Artikolu 4(2);

(ċ) ingħatat prova li l-liċenza jew iċ-ċertifikat intużaw; is-sigurta għandha imbagħad titħalla fi proporzjon mal-kwantitajiet imdaħħla fuq il-liċenza jew fiċ-ċertifikat;

(d) ingħatat prova li l-prodott ikkonċernat sar mhux tajjeb għall-użu jew ma kienx possibbli li ssir l-operazzjoni bħala riżultat ta' *force majeure*.

Artikolu 8

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼**M20**

ANNESS

Bilanċ ta' provvista ta' ċerejali għad-dipartimenti Franċiżi ta' barra (2001)

(tunnellati metriċi)

Ċerejali li ġejjinminn terzi pajjiżi (ACP/ pajjiżi li qed jiżviluppaw) jew KE	Qamħko-muni	QamħDu-rum	Ix-xgħir	Il-qamħ ir-rum	Il-qamħ durumdq-iq uxgħir	Il-Mali	Ħafur
Guadeloupe	53 000	—	500	24 000	—	—	—
Martinique	14 000	—	600	30 000	600	420	250
Guiana Franċiża	150	—	200	1 500	—	—	—
Réunion	35 000	—	8 000	132 500	—	3 500	—
Total	102 150	—	9 300	188 000	600	3 920	250
Total	304 220						